V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10251 — Invivo Group/Etablissements J Soufflet)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 430/10)

1. Fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Invivo Group (Franza),

— Etablissements J Soufflet (Franza).

Invivo Group jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Etablissements J Soufflet kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Invivo Group huwa sindakat ta' kooperattivi attivi prinċipalment fi Franza fis-settur agrikolu, inklużi l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċereali u għelejjel taż-żieragħ żejtnin, servizzi ta' ħżin ta' qmuħ fis-sajlos, produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli (żieragħ, fertilizzanti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, prodotti ta' bijokontroll, eċċ.), servizzi ta' ġestjoni finanzjarja, distribuzzjoni bl-imnut ta' prodotti tal-ġonna, ikel u nutrizzjoni tal-annimali domestiċi,

— Etablissements J Soufflet huwa grupp industrijali attiv prinċipalment fi Franza, fis-settur agrikolu, inkluż il-ġbir u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċereali, għelejjel li fihom il-proteini taż-żejt u prodotti tal-ħalib, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-malt, il-ħżin u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, id-distribuzzjoni ta' prodotti lill-bdiewa (żieragħ, fertilizzanti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u nutrizzjoni tal-annimali), pariri agronomiċi, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tad-dqiq, soluzzjonijiet tekniċi u aromatiċi għat-ħin u l-forn, l-ipproċessar, l-ippakkjar u l-kummerċjalizzazzjoni tar-ross, il-ħxejjex imnixxfa.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10251 — Invivo Group/Etablissements J Soufflet

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE